DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/182

tat-12 ta' Frar 2021

li tistabbilixxi t-tqassim skont l-Istat Membru tar-riżorsi ta' REACT-EU għas-sena 2021

(notifikata bid-dokument C(2021) 843)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 92b(4) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq għar-riżorsi ta' REACT-EU, jeħtieġ li t-tqassim tagħhom jiġi stabbilit għal kull Stat Membru f'approprjazzjonijiet mill-Fondi Strutturali għall-2021.

(2) L-Anness VIIa tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jistabbilixxi l-kriterji u l-metodoloġija għall-allokazzjoni tar-riżorsi ta' REACT-EU.

(3) Qabel l-applikazzjoni tal-metodu ta' allokazzjoni li jikkonċerna r-riżorsi ta' REACT-EU għas-sena 2021, jenħtieġ li jiġi allokat ammont ta' EUR 100 000 000 u EUR 50 000 000 rispettivament lil-Lussemburgu u lil Malta, kif ukoll ammont addizzjonali ddedikat għar-reġjuni ultraperiferiċi, kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Anness VIIa tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(4) Għal raġunijiet ta' programmazzjoni mill-Istati Membri, jenħtieġ li t-tqassim speċifiku jingħata fi prezzijiet tal-2018 biex jiġu stabbiliti r-riżorsi effettivament disponibbli wara li jitnaqqas l-ammont għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u għall-appoġġ għan-nefqa amministrattiva. Għal raġunijiet ta' trasparenza, jenħtieġ li t-tqassim jiġi espress ukoll fi prezzijiet attwali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tqassim skont l-Istat Membru tar-riżorsi ta' REACT-UE għas-sena 2021 huwa stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Elisa FERREIRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

ALLOKAZZJONI TAR-RIŻORSI TA' REACT-EU 2021

(f'EUR)

	2021 *prezzijiet tal-2018*	2021 *prezzijiet attwali*
BE	243 915 691	258 845 283
BG	411 187 534	436 355 501
CZ	786 628 094	834 776 027
DK	167 524 769	177 778 625
DE	1 777 818 655	1 886 635 380
EE	167 499 803	177 752 131
IE	83 240 008	88 334 963
EL	1 609 375 686	1 707 882 353
ES	10 229 253 639	10 855 365 794
FR	2 914 560 015	3 092 954 404
HR	538 535 954	571 498 663
IT	10 651 529 376	11 303 488 186
CY	105 000 047	111 426 890
LV	197 877 522	209 989 210
LT	257 913 011	273 699 350
LU	131 769 415	139 834 758
HU	830 373 170	881 198 652
MT	104 782 734	111 196 276
NL	415 403 980	440 830 027
AT	205 737 666	218 330 457
PL	1 549 859 572	1 644 723 377
PT	1 502 200 650	1 594 147 347
RO	1 247 522 128	1 323 880 463
SI	247 056 213	262 178 030
SK	580 447 557	615 975 590
FI	126 753 330	134 511 648
SE	270 773 255	287 346 744
UE-27	**37 354 539 474**	**39 640 936 129**